TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 282/10

**Matthew Montebello u Ramona Cardona**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mija u tmenin ewro (€180), rappreżentanti ħsarat talli l-magna tal-ħasil faret u kkawżat ħsarat fil-fond konsistenti fix-xambrelli.

L- intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw magna tal-ħasil u jidher illi l-pipe ta' l-ilma ġie nstallat ħażin bil-konsegwenza li meta kienet qed taħdem il-magna tal-ħasil, far l-ilma u kkawżat ħsara fil-fond.

L-intimat issottometta illi mall-ewwel marru fuq il-post u riedu jsewwu l-ħsara, kif ukoll riedu jaħslu l-art a spejjeż tagħhom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi kien hemm żball fl-installazzjoni tal-pipe ta' l-ilma u b'hekk ħareġ l-ilma.

Min-naħa l-oħra, r-rikorrenti telaq mill-fond meta supppost wieħed jistenna sakemm issir il-ħasla.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u għaxar ewro (€110), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**